# Id-Dixxerniment x’inhu?

**Rev. Dr Paul Pace, SJ**

> *“Ħa jogħġob lit-Tjubija suprema u divina tagħtina kull grazzja abbundanti sabiex nagħrfu r-rieda mqaddsa tiegħu u nwettquha perfettament.” – Sant’Injazju ta’ Loyola*

Fl-Eżortazzjoni Appostolika dwar il-qdusija, *Gaudete et Exsultate*, il-Papa Franġisku jitkellem dwar id-dixxerniment illum bħala ‘bżonn urġenti’.

> *Illum il-ġurnata d-dixxerniment sar partikularment meħtieġ. Fil-fatt, il-ħajja tal-lum toffri possibbiltajiet enormi ta’ azzjoni u ta’ distrazzjoni u d-dinja tippreżentahom bħallikieku kienu validi u tajbin. Ilkoll, imma l-aktar iż-żgħażagħ, aħna esposti għal zapping kontinwu. Illum possibbli li wieħed jaqleb għal fuq żewġ jew tliet skrins fl-istess ħin, u hekk ukoll jinteraġixxi f’diversi xenarji virtwali. Mingħajr l-għerf tad-dixxerniment nistgħu faċilment ninbidlu f’pupazzi f’idejn it-tendenzi taż-żmien.*
> (Gaudete et Exsultate*, par. 167)*

Id-dixxerniment insibuh fil-Bibbja, u kien hemm ħafna għalliema spiritwali li żviluppaw modi differenti ta’ kif nifhmuh u nwettquh. Il-Papa Franġisku, bħala Ġiżwita, jispira ruħu mill-ħsibijiet ta’ San Injazju ta’ Loyola li, fit-taqbida tiegħu biex jagħraf ir-rieda ta’ Alla, skopra mod ta’ dixxerniment li ħallihulna bħala wirt fil-kitbiet tiegħu.

Fil-kitbiet tiegħu, Sant’Injazju jitkellem b’modi differenti dwar id-dixxerniment.

- Jinsisti dwar il-bżonn li niddixxernu d-deċiżjonijet il-kbar tagħna, **sabiex infittxu li tassew ikunu skont dak li jrid Alla minna**.
- Fil-ktieb tal-*Eżerċizzi* Spiritwali nsibu **żewġ settijiet ta’ regoli għad-dixxerniment tal-ispirti**, fejn wieħed jitgħallem kif jittratta tensjonijiet differenti—jew, fi kliem Sant’Injazju, *movimenti*—fir-ruħ tiegħu.
- Hu ċar li għalih id-dixxerniment kien ferm iktar minn sempliċi metodu, imma kien ifisser **mod sħiħ ta’ ħajja**. Ġaladarba hu Alla li ħalaqna, l-aqwa ħaġa li tista’ tiġrili hija li **niskopri u nwettaq ir-rieda tiegħu għalija**.

Nibdew nifhmu aħjar x’ried ifisser Injazju b’dixxerniment meta, fi tmiem ta’ ittra twila seba’ faċċati li kiteb fi Frar tal-1555 u mimlija struzzjonijiet dettaljati lil Patri Juan Nuñez Barreto li ġie mibgħut bħala Patrijarka għall-Etjopja, kiteb hekk:

> *Kull ħaġa mniżżla hawn għandha sservi ta’ direzzjoni, u l-patrijarka m’għandux iħossu obbligat li jaġixxi f’konformità magħha; minflok għandu jimxi skont ma tiddettalu l-imħabba diskreta, meta jqis iċ-ċirkustanzi u jħalli d-dilka tal-Ispirtu s-Santu tmexxih f’kollox.*

Dan il-kliem jirrifletti l-ispirtu veru tad-dixxerniment Injazjan. Ma jfissirx li taġixxi kif jogħġbok jew kif tħoss, imma jeħtieġ li tuża kull għajnuna possibbli sabiex tasal għal deċiżjoni: Injazju kien verament konxju tas-siwi tal-missjoni ta' Patri Barreto u taha ħafna importanza; l-istruzzjonijiet tiegħu kienu dettaljati u kumplessi.
Imma emmen li l-Ispirtu li dawlu biex jikteb din l-ittra twila huwa l-istess Spirtu li ser idawwal lil Patri Barreto meta jasal fil-post. L-istess Spirtu ser jgħin lil Patri Barreto jpoġġi fil-prattika l-istruzzjonijiet ta' Injazju, u dan it-twemmin fil-preżenza tal-Ispirtu f'kulħadd wasslu biex jistqarr li kollox għandu jservi ta' direzzjoni, indikazzjoni, imma d-deċiżjoni proprja ser tiġi ddettata minn imħabba diskreta, jiġifieri imħabba li tiddixxerni ċ-ċirkostanzi konkreti bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.

Hekk jikteb il-Papa Franġisku dwar dan:

> *Hu minnu li d-dixxerniment spiritwali ma jeskludix l-għajnuniet tax-xjenzi umani, eżistenzjali, psikoloġiċi, soċjoloġiċi jew morali. Imma jgħaddihom ilkoll. U lanqas huma biżżejjed għalih in-normi għaqlin tal-Knisja. Niftakru dejjem li d-dixxerniment hu grazzja. Anki jekk jinkludi r-raġuni u l-prudenza, imur lil hinn minnhom, għax hu jgħarrex fil-misteru tal-pjan uniku u irrepetibbli li Alla għandu għal kull wieħed u waħda minna u li jitwettaq qalb l-iktar firxa wiesgħa ta' kuntesti u limitazzjonijiet … Hawn qed nitkellmu fuq is-sens ta' ħajti quddiem il-Missier li jafni u jħobbni, dak veru, li għalih nista' nagħti ħajti, u li ħadd iżjed minnu ma jafu daqshekk tajjeb … Ma jitlobx xi ħiliet speċjali u lanqas hu biss għall-iżjed intelliġenti u mgħallma, u l-Missier jitgħaxxaq juri ruħu lill-umli (ara Mt 11, 25).*
> *(*Gaudete et Exsultate*, par. 170)*

Forsi tista' tidher l-eħfef triq 'il barra, imma fil-verità hija l-iktar triq li titlob sforz minna għax inkunu qed nieħdu responsabbiltà tad-deċiżjonijiet tagħna b'fiduċja sħiħa fil-preżenza tal-Ispirtu fina. **Nistgħu nkunu sensittivi għall-preżenza tiegħu fid-deċiżjonijiet tagħna biss jekk inkunu midħla ta' Alla fil-ħajja kollha tagħna.**

Ix-xewqa li nħobbu u naqdu lil Alla f'kollox fil-fatt hija **l-kuntest għal dixxerniment veru**, l-ispazju fejn id-dixxerniment jista' jseħħ u jħalli frott tajjeb f'ħajjitna. Id-dixxerniment hu ferm iktar minn sempliċiment ħila jew għodda li wieħed jitgħallem japplika f'kull kuntest: fuq kollox huwa proċess spiritwali. Li tiddixxerni biex tfittex u tagħraf ir-rieda ta' Alla jista' jseħħ biss fil-kuntest tax-xewqa li timxi wara dak li stqarr li ma ġiex fid-dinja biex ikun moqdi imma biex jaqdi.

Waħda mill-ewwel mistoqsijiet li jeħtieġ nistaqsi lili nnifsi hija fejn tinsab qalbi. Min jinsab fiċ-ċentru tagħha? Jien biss, jew hemm oħrajn ukoll, b'mod speċjali dawk li qegħdin ibatu u jeħtieġu l-għajnuna tiegħi, 'iċ-ċkejknin' li magħhom identifika ruħu Ġesù?

Il-Papa Franġisku jfakkarna:

*Aħna ħielsa, bil-ħelsien ta' Ġesù, imma hu jsejħilna ngħarblu dak li hemm ġo fina—xewqat, tħassib, biżgħat, tamiet—u dak li jiġri barra minna—is-"sinjali taż-żminijiet" —biex nagħrfu liema huma t-toroq tal-libertà sħiħa: "Ippruvaw kollox; it-tajjeb żommuh" (1 Tess 5, 21).*
*(*Gaudete et Exsultate*, par. 168)*

Hu dan il-ftuħ u din il-libertà tal-qalb li jagħmluhielna possibbli niskopru kif jeħtieġ nimxu wara Ġesù, nidentifikaw x'inhi s-sejħa tiegħu għalina, u nwieġby b'ġenerożità għas-sejħa tiegħu bl-aħjar mod. Tista' tkun sejħa għal affarijiet kbar jew ċkejknin, għal ġesti li ħaddieħor jista' jarahom bħala erojċi, jew għal għażliet li nafhom jien biss fil-qalba ta' ruħi.

*Id-dixxerniment hu meħtieġ mhux biss f'mumenti straordinarji, jew meta nkunu rridu nsolvu problemi serji, jew meta rridu nieħdu deċiżjoni kruċjali... Ħafna drabi nsibuh fil-ħwejjeġ iż-żgħar, f'dak li jidher irrelevanti, għax in-nobbiltà tal-qalb tidher fil-ħwejjeġ sempliċi u ta' kuljum. Ifisser li ma npoġġux limiti għall-kobor, għal dak li hu l-aħjar u l-isbaħ, imma fl-istess waqt nikkonċentraw fuq iż-żgħir, fuq dmirna llum.*
*(*Gaudete et Exsultate*, par. 169)*

Fl-aħħar, fid-dixxerniment kollu tagħna nfittxu li niskopru **l-mod ta' kif Alla jagħżel li jkun preżenti fid-dinja**. U nagħrfuna msejħin li nifhmu dak li l-Papa Franġisku jsejjaħlu

*s-sabar ta' Alla u ż-żminijiet tiegħu, li qatt mhuma dawk tagħna*
*(*Gaudete et Exsultate*, par. 174)*

Alla hu s-sid li ma ħalliex il-lavranti tiegħu jaqilgħu s-sikrana minn qalb il-qamħ, imma talabhom jistennew bis-sabar sal-ġudizzju aħħari. Lanqas ma ħalla lill-appostli tiegħu jniżżlu xita ta' nar fuq l-irħula li ma laqgħuhomx.

Għall-kuntrarju, l-Evanġelju jgħidilna li "jekk il-ħabba ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott. Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem" (Ġw 12, 24-25).

Dan hu l-paradoss il-kbir tal-fidi tagħna u ta' meta nimxu wara Ġesù, u dan ma jistax ikun nieqes mid-dixxerniment tagħna. San Bonaventura, wieħed mis-segwaċi ta' San Franġisk ta' Assisi, waqt li jipponta lejn is-Salib, qal, "Din hi l-loġika tagħna." Din hija l-loġika li tippermetti lil qalbna tiddixxerni b'libertà sħiħa, bla ma tfittex il-kumdità u l-ġid tagħha qabel kull ħaġa oħra, imma tfittex id-dawl u l-qawwa li timxi wara Ġesù huwa u jġorr is-Salib. Huwa s-Salib tal-ħajja, għax l-aħħar kelma mhijiex is-Salib imma Ġesù Rxoxt, dejjem preżenti maġenbna, u jġorr il-pjagi.

## Mill-Kelma ta' Alla

- "U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bl-għerf u b'kull dehen biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar …" – Filippin 1, 9-10

- "Jekk xi ħadd minnkom jonqsu l-għerf, għandu jitlob lil Alla, li jagħti lil kulħadd b'id miftuħa u bla ma jċanfar lil ħadd, u jagħtihulu." – Ġakbu 1, 5

## Mistoqsijiet

- Issibha diffiċli biex tiddeċiedi?
- Qed taffaċja xi deċiżjoni iebsa bħalissa?
  Kif tieħu deċiżjonijiet komplikati s-soltu?
- Xi ssib jgħinek?
- Tarah bħala proċess spiritwali li jinvolvi l-persuna sħiħa tiegħek u l-ftuħ tiegħek għal Alla?
- Titlob għad-dawl?

# Seba’ Tarġiet għad-Dixxerniment Injazjan

## 1. It-Tfixxija għar-Rieda ta’ Alla: iġġiblek paċi jew biża’?

Fil-film *Fiddler on the Roof*, Tevye, il-protagonista jitlob hekk: “Ħa jbierek Alla u jħares lit-Tzar ... u jżommu ’l bogħod minna!” Xi minn daqqiet, b’mod konxju jew le, hekk inħarsu lejn Alla u lejn ir-rieda tiegħu għalina. Żgur li hi ħaġa tajba għalija, imma m’iniex ċert jekk irridx inkun nafha, u wisq u wisq inqas nagħmilha—jista’ jkun li ma togħġobnix, jista’ jkun li titlob sagrifiċċju kbir minni li jispiċċa jeqridni.

Kultant naħsbu dwar ir-rieda ta’ Alla bħala xi kmand mistur, envelowp li jinfetaħ f’punt speċifiku ta’ ħajjitna u li fih insibu struzzjonijiet dettaljati għal kull pass. Ngħiru għall-Madonna jew għal San Pawl li ntbagħtilhom messaġġ ċar mis-sema biex jgħidilhom eżatt x’kellhom jagħmlu! Imma ninsew li huma wkoll kellhom jitħabtu kuljum biex jiskopru dak li l-missjoni tagħhom mogħtija minn Alla kienet tfisser fil-prattika.

Darba waħda, bniedem għaref qal, “Ir-rieda ta’ Alla hija inti nnifsek!” Kemm hu minnu dal-kliem meta nqis li hu Alla li għamilni dak li jien. Meta jħares lejja hu jitgħaxxaq b’dak li jara għax fija jara l-istess sura u xbieha tiegħu, ibnu jew bintu adottivi. Kien hu li żera’ ż-żerriegħa tax-xewqa fil-fond ta’ qalbi, u hemm jeħtieġ li ngħarrex sabiex nagħraf dak li hu jrid minni. Iktar milli nwettaq ordnijiet, li nfittex u nagħmel ir-rieda ta’ Alla hija l-frott tar-relazzjoni personali tiegħi ma’ Alla, hekk kif flimkien infittxu dak li hu tal-akbar ġid għalija.

Wara snin ta’ tfittxija għal Alla barra minnu nnifsu, Santu Wistin jixher, “Int kont ġewwa fija, u jiena barra minni nnifsi. Fittixtek barra, meta fil-kruha tiegħi nxtħett fuq il-ġmiel tal-ħlejjaq tiegħek” (*L-Istqarrijiet*, 10.27.38). Dan l-għarfien wassal lil Santu Wistin biex jifhem li Alla kien iktar ’l ġewwa mill-qalba tiegħu stess (*L-Istqarrijiet*, 3.6.11).

X’nixtieq tassew f’ħajti? X’jimmotivani? Fiex jien tajjeb? Kif nimmaġina lili nnifsi kuntent u fil-milja tiegħi? Ċertament Alla, il-Ħallieq tiegħi, iridni li fuq kollox inkun jiena nnifsi, li nilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħi.

Ovvjament, dak li hu ’l barra minni wkoll jgħinni nifhem aħjar dak li Alla jrid minni: iċ-ċirkostanzi konkreti tal-familja tiegħi, tal-pajjiż tiegħi, tad-dinja li fiha ngħix, dawn kollha huma sinjali biex nifhem xi jrid Alla minni.

### Mill-Kelma ta’ Alla

- “Int sawwart il-ġewwieni tiegħi, u f’ġuf ommi inti nsiġtni ... Għarbilni, o Alla, u agħraf qalbi; iflini, u kun af ħsibijieti. Ara iniex miexi fi triq ħażina, u mexxini fit-triq ta’ dejjem.” – Salm 139, 13. 23-24
- “Tħallix lil għajnejja jħarsu lejn il-frugħa; agħtini l-ħajja bil-kelma tiegħek ... Quddiemek nitlob b’qalbi kollha; ħenn għalija skont il-wegħda tiegħek.” – Salm 119, 37. 58

### Mistoqsijiet

- Taqbel li r-rieda ta’ Alla għalik hija inti nnifsek?
- Tħoss li ħajtek bħalissa hija qrib ta’ dak li Alla jrid minnek?

- Tixtieq tkun taf aħjar xi jrid Alla minnek?
- Tħares lejn dan kollu bħala barka jew bħala theddida?

## 2. X'inhi l-idea tiegħi ta' Alla?

Wieħed mill-iktar elementi kruċjali ta' kull proċess ta' dixxerniment huwa x'idea għandi ta' Alla: din l-idea tnissel fija fiduċja u mħabba, jew biża' u suspett?
Nista' nħares lejh bħala Missier ħanin li jħobbni, jew forsi nippreferi nżomm 'il bogħod minnu. Jew forsi nħossni rrabjat għalih u nwaħħal fih għal kull ħaġa ħażina li tiġrili. Il-kwalità tad-dixxerniment tiegħi tiddependi fuq kemm għandi idea pożittiva ta' Alla.
Issa din mhijiex ħaġa daqshekk sempliċi għax l-idea vera li għandna ta' Alla tista' tkun pjuttost differenti minn dak li naħsbu jew infissru bil-kliem. Nista' ngħid li nemmen f'Alla ħanin u kollu mħabba imma fil-qalba ta' qalbi nibża' minnu u nsibha diffiċli biex nafdah.
Jew forsi naħseb li dak li għalih jien imsejjaħ huwa li nobdi b'mod strett il-liġi ta' Alla, għax nemmen li jeħtieġ li nirbaħ il-ġenna bl-isforzi tiegħi flok bil-grazzja kollha mħabba u mogħdrija tiegħu. Minħabba f'dan il-mod ta' ħsieb, ir-rieda ta' Alla għalija tiġi ridotta għal sempliċi konformità mal-liġi, u r-relazzjoni tiegħi miegħu tiddependi fuq kemm żbalji jirnexxili nevita. Din it-tip ta' relazzjoni hija ferm diffiċli, u nispiċċa naqta' qalbi għax dejjem beżgħan li ser nidneb u nitlef l-imħabba ta' Alla.
Meta Alla ried jurina min hu bagħat lil Ġesù, li darba minnhom qal, "Min ra lili ra lill-Missier" (Ġw 14, 9). U allura, l-aħjar mod biex niksbu idea korretta ta' min hu Alla huwa billi nħarsu lejn Ġesù kif muri lilna fl-Evanġelju.
Jekk inħarsu sew hemm ċans li ninħasdu, bħalma nħasdu n-nies ta' żmienu: kien ħabib 'iżżejjed' tal-midinbin u ta' dawk kollha li huma emarġinati. Fl-istess ħin, kien ferm kritiku lejn dawk li kienu jħossuhom moralment superjuri għall-oħrajn, konvinti li ma kinux jeħtieġu l-grazzja ta' Alla biex isalvaw. Narawh jaħsel riġlejn id-dixxipli tiegħu, u jmut fuq is-salib għalina.
Iktar ma nimmatura bħala persuna u iktar ma r-relazzjoni tiegħi ma' Alla ssir iktar personali, iktar timmatura l-idea tiegħi ta' Alla. U bil-mod il-mod niskopri li r-rieda ta' Alla għalija hija l-aqwa ħaġa li tista' tiġrili, il-frott tal-imħabba tiegħu għalija. Ix-xewqa li nfittixha u nsibha ssir tassew importanti għalija; issir il-mod tiegħi ta' kif inwieġeb għal din l-imħabba. Niskopri wkoll li dan hu proċess li ma jispiċċax, u Alla ser jibqa' dejjem misteru. Imma huwa misteru ta' mħabba u ħniena.

### Mill-Kelma ta' Alla

- "Ħanin u twajjeb il-Mulej, idum ma jagħdab u kollu mogħdrija. Ma joqgħodx jitlewwem magħna, u anqas jinkorla għal dejjem. Ma mexiex magħna skont ma ħaqqhom ħtijietna; ma ħallasniex skont ma ħaqqha ħżunitna. Daqskemm huma s-smewwiet 'il fuq mill-art, hekk hi kbira tjubitu ma' min jibża' minnu; daqs kemm hu mbiegħed il-Lvant mill-Punent, hekk hu jbiegħed minna ħtijietna. Bħalma jħenn il-missier għal uliedu, hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża' tiegħu. Għax hu jaf kif aħna magħġuna, jiftakar li aħna trab" – Salm 103, 8-14
- "Mela jekk Alla jlibbes hekk imqar ħaxixa selvaġġa li llum hawn u għada tinxteħet fil-forn, kemm aktar lilkom, nies ta' fidi ċkejkna!" – Mt 6, 30

- “Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta’ dejjem.” – Ġw 3, 16

Mistoqsijiet

- X’idea għandek ta’ Alla? Tista’ tħoss l-imħabba u l-ħniena infinita li għandu għalik?
- Ġesù qal li biżżejjed ikollna fidi daqs żerriegħa tal-mustarda għax din tikber f’siġra kbira. Tkun kuntent jekk il-fidi tiegħek hija daqs żerriegħa tal-mustarda, jew kieku tinkwieta ħafna?
- Meta mistoqsi, Ġesù stqarr li l-ikbar kmandament huwa dak tal-imħabba. Taqbel? Xi tqis bħala l-ogħla obbligazzjoni tiegħek?

## 3. Ħieles biex tagħżel tajjeb

Darba kien hemm tliet gruppi ta’ nies li kellhom ammont konsiderevoli ta’ flus imma ma kinux ċerti jekk hux ser iżommuh. Kollha rrealizzaw li kellhom jieħdu deċiżjoni, imma kull grupp ħadha b’mod differenti.
L-ewwel grupp kienu tassew determinati li jiddeċiedu, imma għal xi raġuni qatt ma waslu. Donnu dejjem kienu jsibu raġuni tajba biex jipposponi: jew kienu mħabbtin wisq, jew kellhom deċiżjoni iktar urġenti x’jieħdu qabel ... Fil-prattika, ma ddeċidew qatt.
It-tieni grupp kienu iktar proattivi. Meta kkunsidraw li jirrinunzjaw il-flus, xi ħadd ġibed l-attenzjoni li hemm ħafna ġid li setgħu jagħmlu bil-flus; ikun żbaljat li jagħtuhom lura. Ftit ftit ikkonvinċew ruħhom li, ġaladarba setgħu jagħmlu daqstant tajjeb bil-flus, allura Alla riedhom iżommuhom u jużawhom għal kawża ġusta. Il-ħaġa kienet pjuttost ovvja: ma kienx hemm għalfejn jikkunsidraw li jbiddlu d-deċiżjoni.
It-tielet grupp mar dritt għall-punt. Huma talbu għal libertà sħiħa u fil-fond ta’ qalbhom ħassewhom lesti li jagħmlu dak kollu li Alla ried minnhom. Kienu ħielsa sew biex iżommu l-flus u sew biex jagħtuhom: l-aqwa li jagħmlu dak li Alla riedhom jagħmlu.
Din il-parabbola sempliċi li jipproponi Sant’Injazju meta jitkellem dwar it-teħid ta’ deċiżjonijiet hija mera ta’ x’jiġri fil-qalb tagħna meta naffaċjaw deċiżjoni. Nista’ nkun bħall-ewwel grupp, ngħid lili nnifsi li rrid niddeċiedi imma nibqa’ kontinwament nipposponi u nispiċċa qatt ma nagħmel il-passi meħtieġa biex nieħu deċiżjoni.
Jew nista’ nkun bħat-tieni grupp, dawk li jagħmlu nofs il-proċess: m’iniex lest li nħalli dak li għandi jew qed nagħmel, u rrid li Alla jiġi fejn qiegħed jiena biex ma jkollix għalfejn immur fejn iridni hu. Fejn ninsab hu daqshekk ovvju li hu t-tajjeb li m’hemmx għalfejn nikkunsidra l-ebda bidla.
Jew nista’ nkun bħat-tielet grupp, tassew ħieles biex infittex dak li Alla jrid minni u nkun lest li nwettqu.
Probabbilment daqqa nkunu bħal grupp u daqqa bħal ieħor. L-iktar importanti hu li nirrealizzaw li mingħajr libertà interjuri qatt ma nista’ nasal għal deċiżjoni tajba. Ilkoll għandna dawk l-irkejjen li ma narawhomx u rabtiet qawwija, aġendi moħbija, li xi wħud minnhom jista’ jkun li m’aħniex konxji tagħhom.
Mulej, agħtini qalb ħielsa.

### Mill-Kelma ta' Alla

- "Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa. Żommu sħiħ, u terġgħux tmiddu għonqkom għall-madmad tal-jasar." – Gal 5, 1
- "Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi u tal-Evanġelju, isalvaha. Għax x'jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu? Xi prezz jista' jagħti l-bniedem biex isalva ħajtu?" – Mk 8, 35-37
- "Għax fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek ukoll." – Mt 6, 21
- "Għalhekk ngħidilkom: tinkwetawx ruħkom għal ħajjitkom, x'se tieklu jew x'tixorbu, anqas għal ġisimkom x'se tilbsu. Jaqaw il-ħajja m'hijiex aqwa mill-ikel, u l-ġisem aqwa mill-ilbies? Ħarsu lejn l-għasafar tas-sema; la jiżirgħu u lanqas jaħsdu u lanqas igeddsu fl-imħażen, u madankollu Missierkom li hu fis-smewwiet jitmagħhom! Intom ma tiswewx aktar minnhom? ... Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja ta' Alla, u dan kollu jingħatalkom ukoll. Mela toqogħdux tħabblu raskom għall-għada, għax il-jum ta' għada jħabbel rasu hu għalih innifsu. Biżżejjed hu għall-jum it-taħbit tal-ġurnata." – Mt 6 , 25-26. 33-34

### Mistoqsijiet

- Ma' liema grupp tidentifika ruħek l-iktar?
- Hemm xi deċiżjoni li jeħtieġ tieħu imma donnok ma jirnexxilek qatt li tasal teħodha?
- Tħossok bniedem ħieles internament? Ipprova aħseb f'xi ħadd li tammira l-libertà tiegħu, u staqsi lilek innifsek kif inti tista' tkun iktar ħieles. Itlob għal din il-grazzja.

## 4. Konsolazzjoni u Deżolazzjoni

Meta, lejn tmiem ħajtu, iddetta t-tifkiriet tiegħu, Sant'Injazju tkellem fit-tul dwar il-proċess tal-konverżjoni tiegħu. Wara li safa' ferut waqt battalja f'Pamplona, Injazju kellu jqatta' żmien twil fis-sodda, u, għalkemm kien jippreferi l-istejjer tal-kavallieri li kien imdorri bihom, l-uniċi kotba disponibbli fejn kien rikoverat kienu ktieb dwar il-ħajja ta' Kristu u ieħor bil-ħajjiet tal-qaddisin.
Kien iqatta' ħafna ħin joħlom, daqqa dwar dak li seta' jagħmel biex jirbaħ il-qalb ta' waħda mill-iktar nisa nobbli ta' Spanja, u daqqa li jirrepeti l-azzjonijiet erojċi tal-qaddisin il-kbar. Intebaħ li dawn il-ħsibijiet differenti bdew iqanqlu ħsus differenti: filwaqt li tal-ewwel fl-aħħar kienu jħalluh mhux sodisfatt, meta kien jaħseb dwar dak li għamlu l-qaddisin, mhux biss kien iħoss hena f'ruħu waqt li jaħseb fuqhom, imma l-hena kien jibqa' anke wara li kien jieqaf jaħseb dwarhom.
Sant'Injazju jistqarr li din l-esperjenza għamel użu minnha biex fassal ir-regoli tad-dixxerniment tal-ispirti, li nsibuhom fil-ktieb tiegħu tal-Eżerċizzi Spiritwali. F'dawn ir-regoli jitkellem fit-tul dwar żewġ realtajiet kontrastanti, li hu jsejħilhom konsolazzjonijiet u deżolazzjonijiet. Diffiċli biex hawn infissru fi ftit kliem dak li hu kellu f'moħħu, imma żgur li dan nagħrfuh ukoll fina nfusna, meta ngħaddu minn spirtu wieħed għal ieħor fil-ħajja interjuri tagħna. Daqqa nħossuna tajjeb, miftuħin għal Alla u għall-oħrajn, u kollox jinħass faċli. Ma nkunux neħtieġu sforz kbir

biex inkunu ġenerużi, nitolbu tajjeb, u nħossuna qrib ta' Alla. Sant'Injazju jsejjaħ din l-esperjenza konsolazzjoni.
Drabi oħra nħossuna kompletament l-oppost: bla ħeġġa u qalbna maqtugħa, imdejqin, egoisti u moħħna fil-ħmerijiet. Ma nsibu l-ebda ferħ fit-talb, u dak li tant kellna ħeġġa għalih issa nħossuh bla togħma u bla sens. Din hija l-esperjenza tad-deżolazzjoni.
Filwaqt li huwa raġunat li tgħid li nsibu lil Alla fil-konsolazzjoni, Sant'injazju jargumenta li nistgħu nsibu lil Alla anke fid-deżolazzjoni għax xi minn daqqiet din tkun ġejja minn Alla. Barra minn hekk, dak li nħarsu lejh bħala konsolazzjoni xi minn daqqiet jista' jkun fil-fatt ġej minn spirtu ħażin. Hu għalhekk li d-dixxerniment tal-ispirti tagħna hu ferm importanti biex niddixxernu r-rieda ta' Alla għalina. Jeħtieġ li nitgħallmu nifhmu l-lingwa tal-qalb tagħna.
Meta nkunu fil-konsolazzjoni, Sant'Injazju jħeġġiġna nkunu grati u, filwaqt li nżommu f'moħħna li dan l-istat mhux ser jibqa' għal dejjem, jeħtieġ li nagħmlu l-aħjar li nistgħu sabiex ingawdu dak il-mument pożittiv u nieħdu li nistgħu minnu.

### Mill-Kelma ta' Alla

- "Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ." – 2 Kor 1, 3
- "Henjin l-imnikkta, għax huma jkunu mfarrġa." – Mattew 5, 4
- "Dan hu l-faraġ fin-niket tiegħi: li l-wegħda tiegħek tagħtini l-ħajja." – Salm 119, 50
- "Għannu, o smewwiet, aqbeż bil-ferħ, o art, infexxu fl-għana, o muntanji! Għax farraġ il-Mulej lill-poplu tiegħu; u ħenn għall-imsejknin tiegħu!" – Is 49, 13
- "Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna postijiet; li ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu." – Ġwanni 14, 2

### Mistoqsijiet

- Tista' tiddistingwi bejn il-konsolazzjoni u d-deżolazzjoni fil-ħajja tiegħek? Kif tiddeskrivihom miegħek innifsek jew ma' xi ħadd qrib tiegħek?
- Meta tkun fil-konsolazzjoni kapaċi tħossok grat u taraha bħala grazzja ta' Alla, jew teħodha for granted? Jew diġà qed tinkwieta li daqt tgħaddi?

## 5. Fid-Deżolazzjoni: iddixxerni … u żomm sod!

Dan huwa l-parir l-iktar bażiku li jagħti Sant'Injazju lil dawk li għaddejjin minn żmien ta' deżolazzjoni. Hu jinkoraġġihom biex jirreżistu t-tentazzjoni li jabbandunaw kollox u li joqgħodu joħolmu b'nostalġija għaż-żminijiet aħjar. L-esperjenza għallmitu li ż-żminijiet ta' deżolazzjoni jistgħu jkunu ferm importanti sakemm fihom jibqa' jseħħ id-dixxerniment. Il-mistoqsija bażika trid tkun: Għalfejn qiegħed f'deżolazzjoni? Minn fejn hi ġejja?
Jekk id-deżolazzjoni ġejja minn spirtu ħażin, ma jkunx jaqbel li nċiedu għaliha. Probabbilment, l-ispirtu ħażin qed jattakkana fil-punt dgħajjef tagħna: għax jien vanituż, jew anzjuż, jew għajjur, jew naqta' qalbi malajr, u anke l-iċken inċident jista' jħarbatni. Meta nfittex li nifhem minn fejn ġejja d-deżolazzjoni u nirreżistiha, inkun qed nifhem aħjar id-dgħufija tiegħi u nagħraf iktar min jien.

Jista’ jkun li aħna wkoll sorpriżi li d-deżolazzjoni tista’ tiġi minn spirtu tajjeb, minn Alla nnifsu. Meta l-affarijiet ikunu sejrin tajjeb u nkun fil-konsolazzjoni, hu faċli naħseb li dan kollu hu riżultat tal-isforz tiegħi; imbagħad Alla jeħodli l-konsolazzjoni tiegħu, u nitgħallem inkun iktar umli, u bi gratitudni nirrikonoxxi l-konsolazzjoni bħala grazzja.
Jista’ jkun ukoll li ninduna li d-deżolazzjoni li fiha ninsab hija kollha tort tiegħi: jista’ jkun li għaddej minn mument ta’ egoiżmu, jew qed nirreżisti xi ħaġa li Alla qed jitlob minni. Jista’ jkun li mhux nieħu bis-serjetà t-talb u mhux nipprepara ruħi tajjeb: kif nippretendi li nsib il-konsolazzjoni fit-talb jekk qalbi mhijiex tassew miftuħa għal Alla?
Għaldaqstant, Injazju jissuġġerixxi li neżaminaw għalfejn qed inħossuna deżolati, u niftħu qalbna dejjem iktar, b’fiduċja li dan iż-żmien mudlam jgħaddi wkoll. Ukoll jekk inħossu ’l bogħod minni, jeħtieġ infakkar lili nnifsi li Alla hu dejjem maġenbi anke fil-mumenti l-iktar mudlama.
Il-ħajja spiritwali tagħna spiss hija taqbida: taqbida li tagħmilna iktar b’saħħitna u tqawwi fina l-ispirtu ta’ dixxerniment. L-iżball il-kbir ikun li nibqgħu passivi, jew nibdlu d-deċiżjonijiet li għamilna meta konna fil-konsolazzjoni. Dan jitlob minna qawwa interjuri, u Sant’Injazju jissuġġerixxi li tkun ta’ għajnuna kbira jekk nitkellmu dwar id-deżolazzjoni ma’ xi ħadd ta’ fiduċja. Jekk jirnexxilna nitkellmu dwarha, b’xi mod issir inqas tal-biża’.
Jista’ jkun li nippreferu li dejjem ngħixu fil-konsolazzjoni, imma mod importanti kif nifhmu li Alla hu dejjem preżenti f’ħajjitna huwa meta nitgħallmu ngħixu tajjeb il-mumenti ta’ deżolazzjoni.

## Mill-Kelma ta’ Alla

- “Alla hu fidil u ma jħallikomx tiġġarrbu aktar milli tifilħu; jaħseb li mat-tiġrib jagħtikom il-qawwa u l-għajnuna biex tkunu tifilħu għalih.” – 1 Kor 10, 13
- “Iżda hu weġibni: ‘Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef.’ Għalhekk niftaħar minn qalbi l-aktar bid-debbulizzi tiegħi biex il-qawwa ta’ Kristu tgħammar fija.” – 2 Kor 12, 9
- “Hieni l-bniedem li jistabar fit-tiġrib, għax wara li jkun għeleb it-tiġrib, jaqla’ l-kuruna tal-ħajja li l-Mulej wiegħed lil dawk li jħobbuh.” – Ġak 1, 12
- “Mela jien għedt fl-aħjar tiegħi: ‘Żgur li qatt ma niċċaqlaq!’ Mulej, bil-pjaċir tiegħek fuq muntanja qawwija qegħedtni; imbagħad ħbejt wiċċek minni, u jien tħawwadt għalkollox. Lilek sejjaħt, Mulej; lil Sidi tlabt il-ħniena ... Int bdilt fi żfin l-għali tiegħi, neżżajtni min-niket, bil-ferħ ħażżimtni. Għalhekk ruħi tgħannilek bla heda; Mulej, Alla tiegħi, infaħħrek għal dejjem!” – Salm 30, 7-9. 12-13

## Mistoqsijiet

- Tesperjenza l-fatt li spiss huwa bl-issarar mad-diffikultajiet li aħna nimmaturaw bħala persuni? Din il-verità tgħinek taffaċja l-mumenti diffiċli?
- Tista’ tiftakar f’mumenti ta’ deżolazzjoni meta qtajt qalbek mit-talb u bdilt id-deċiżjonijiet tiegħek? U mumenti oħra meta żammejt sod fid-dlam?

## 6. Inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù

Ġesù darba qal lid-dixxipli tiegħu li r-rieda tal-Missier għalih hija l-istess ikel tiegħu, dak li jagħtih il-ħajja u jsostnih. Ejjew għalhekk inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, kif tgħidilna l-ittra lil-Lhud (12, 2), aħna u nfittxu bħalu r-rieda tal-Missier.
Naraw lil Ġesù juri l-fiduċja tiegħu fil-Missier bl-impenn sħiħ fil-missjoni tiegħu. Ġesù fehem li l-missjoni tiegħu kienet li jagħti l-ħajja bil-kotra lil kulħadd billi jxandar l-aħbar it-tajba lill-foqra u jagħti l-ħelsien minn dak kollu li jxekkilna. Għalkemm kien jaf li kienet mogħtija lilu kull setgħa, l-istil tiegħu kien dak ta' qaddej li jaħsel riġlejn il-ħbieb tiegħu u jitlobhom jagħmlu l-istess. Kien konvint li ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra.
Minkejja li faċilment seta' jagħżel li jiġi pproklamat sultan u jiġbed lejh il-folol b'sinjali spettakolari, hu għażel li jħobb lil kulħadd u jsir ħabib l-iktar ta' dawk li kienu mwarrba mill-oħrajn. Kien jaf li din l-għażla radikali tal-imħabba inevitabbilment kienet ser twasslu għas-salib, imma hu laqa' dan is-sehem mingħand il-Missier b'fiduċja sħiħa.
Dan ma jfissirx li ma kellux jissara kull meta ġie ttentat li jagħżel triq iktar faċli. It-taqbida tiegħu kienet fl-eqqel tagħha fil-Ġnien tal-Ġetsemani, meta b'qalbu mnikkta għall-mewt l-għaraq tiegħu sar qtar tad-demm. Minkejja dan, xorta waħda kien lest li jixrob il-kalċi offrut lilu mill-Missier, u fuq is-salib seta' jgħid li l-missjoni tiegħu kienet mitmuma. Din il-fedeltà sħiħa lejn ir-rieda tal-Missier ġiet milqugħa u ġie mqajjem mill-imwiet biex qatt iżjed ma jmut. Dan hu l-mod kif Ġesù hu muri lilna issa bħala l-Mulej Irxoxt.
Sant'Injazju jitlobna li fit-talb tagħna ninsistu li nsiru nafu lil Ġesù b'mod iktar intimu, li nħobbuh b'iktar intensità u li nimxu warajh iktar mill-qrib. Id-dixxerniment huwa ferm iktar minn teknika jew metodu, imma jfisser li nimxu wara Ġesù aħna u nfittxu li nagħrfu u ngħixu r-rieda ta' Alla għalina. Dan il-vjaġġ, bħal ta' Ġesù, żgur li ser ikun immarkat mis-salib li aħna msejħin nerfgħu kuljum. Imma fl-aħħar tiegħu ser niksbu l-ħajja fil-milja tagħha. U l-Mulej Irxoxt jinsab dejjem ma' ġenbna.

### Mill-Kelma ta' Alla

- "Ladarba aħna wkoll għandna madwarna sħaba hekk kbira ta' xhieda, ejjew inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna, u b'qalbna qawwija nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna; inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna; hu li, flok l-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies l-għajb tiegħu, u issa qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tat-tron ta' Alla. Aħsbu mela fih, li qagħad għal oppożizzjoni hekk kbira min-naħa tal-midinbin, biex ma tegħjewx u ma taqtgħux qalbkom." – Lhud 12, 1-3
- "Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom. Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom. Għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif." – Mt 11, 28-30
- "Mexa kemmxejn 'il quddiem, inxteħet fl-art, u talab li, jekk jista' jkun titwarrab minnu dik is-siegħa. U qal: 'Abba, Missier, kollox jista' jkun għalik; biegħed minni dan il-kalċi! Iżda mhux li rrid jien, imma li trid int.'" – Mk 14, 35-36

- “Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: ‘Kollox hu mitmum!’ Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu.” – Ġw 19, 30

### Mistoqsijiet

- L-Evanġelju hu mimli titli jew metafori li Ġesù juża biex jiddeskrivi lilu nnifsu u jgħinna nifhmuh aħjar: Mulej, mgħallem, ragħaj, dawl, triq, verità, bieb, ikel ... Minn dawn ix-xbihat kollha, liema hi l-favorita tiegħek?
- Meta naqraw l-Atti tal-Appostli, nimpressjonaw ruħna bil-fatt li l-Appostli primarjament xandru dwar il-qawmien ta’ Ġesù mill-imwiet, l-ikbar sinjal tal-fedeltà ta’ Alla għall-wegħdiet tiegħu. Kemm huwa importanti l-qawmien fil-viżjoni tiegħi ta’ Ġesù, fir-relazzjoni tiegħi miegħu?

## 7. Nitlob għal qalb li tisma’

Meta Salamun wiret is-saltna kbira ta’ missieru David, Alla staqsieh x’riedu li jagħtih. Flok talab għal iktar poter jew għana ikbar, Salamun talab għal “moħħ ħafif” sabiex ikollu l-ħila jieħu deċiżjonijiet tajba. Traduzzjoni iktar litterali ta’ din l-espressjoni hija “qalb li tisma’”.
Hekk kif wasalna fi tmiem din is-sensiela ta’ riflessjonijiet dwar id-dixxerniment, din tista’ tkun ukoll it-talba tagħna. Id-dixxerniment tar-rieda ta’ Alla għalija ma jiddependix fuq xi ħiliet li tgħallimt, wisq anqas fuq il-livell ta’ tagħlim tiegħi, imma fuq kollox jiddependi fuq il-kwalità tas-smiegħ tal-qalb tiegħi. Bosta nies qaddisa qatt ma studjaw spiritwalità imma għandhom qalb li tassew kapaċi tisma’.
Qalb li tisma’ taf kif tkun sensittiva għall-preżenza ta’ Alla. Hi mibnija fuq fiduċja fundamentali fil-fedeltà ta’ Alla u fix-xewqa tiegħu li jikkomunika lilu nnifsu lilna: huwa għalhekk possibbli li nfittex u nsib x’inhu l-proġett ta’ Alla għalina.
Jiena u nisma’ lil Alla, niskopri li jeħtieġ nisma’ iktar lili nnifsi, ukoll jekk bdejna bl-idea li hemm bżonn nisimgħu inqas lilna nfusna. Hu Alla li ħalaqni u żera’ fija ż-żerriegħa tax-xewqa fil-qalb tiegħi. Għalhekk jeħtieġ li nitgħallem nisma’ u nifhem ix-xewqat l-iktar profondi tiegħi, il-ħolm tiegħi, il-potenzjalitajiet tiegħi, flimkien mal-iżbalji u d-diżappunti tiegħi. Bħalma ma nistax inħobb lill-oħrajn jekk ma nħobbx lili nnifsi, hekk ukoll ma nistax tassew nemmen f’Alla mingħajr ma nemmen fija nnifsi u f’dak li Alla qed jagħmel fija: ir-rieda ta’ Alla hi jiena nnifsi!
Dan ma nagħmlux b’ammirazzjoni narċisista, fejn kollox idur mal-bżonnijiet tiegħi, imma fi spirtu ta’ libertà profonda: libertà biex naqdi u nħobb lill-oħrajn anke meta jfisser li rrid inġorr is-salib u ndawwar ħaddi l-ieħor.
Bħal kull komunikazzjoni tajba, dan jitlob iż-żmien u sforz kollu sabar, possibbilment bil-għajnuna ta’ xi ħadd li għandu iktar esperjenza minni u li miegħu naqsam it-tfixxija tiegħi. Dan jista’ jseħħ biss f’kuntest ta’ ħajja stabbli ta’ talb li tinkludi l-eżami tal-kuxjenza ta’ kuljum.
Hekk kif il-ħajja qed issir iktar kumplessa, u qed insiru iktar allerġiċi għar-regoli, id-dixxerniment ser jieħu rwol iktar ċentrali fil-ħajja tagħna u tal-komunitajiet tagħna, inkluż fil-komunità l-kbira, il-Knisja. Aħna mberkin li ħafna milli ġew qabilna, fosthom Sant’Injazju ta’ Loyola, ħallewlna ħafna għajnuniet ta’ kif nistgħu niddixxernu d-deċiżjonijiet tagħna.

## Mill-Kelma ta' Alla

- "Intom u titolbu toqogħdux tlabalbu bħall-pagani; dawn mingħalihom li, iktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu. Tkunux bħalhom, għax Missierkom jaf x'teħtieġu, qabel ma titolbuh intom. Mela itolbu hekk: 'Missierna, li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek ...'" – Mt 6, 7-9
- "Itolbu, u jingħatalkom; fittxu, u ssibu; ħabbtu, u jiftħulkom. Għax kull min jitlob, jaqla', min ifittex isib, u min iħabbat jiftħulu. Min hu dak il-bniedem fostkom li, jekk ibnu jitolbu biċċa ħobż, sejjer jagħtih ġebla? Jew jekk jitolbu ħuta, sejjer jagħtih serp? Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar Missierkom li hu fis-smewwiet jagħti ħwejjeġ tajba lil min jitlobhomlu?" – Mt 7, 7-12
- "Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni … " – Salm 23

## Mistoqsijiet

- Sibt xi ħaġa f'dawn ir-riflessjonijiet li tgħodd għal ħajtek issa?
- Kemm int kuntent bil-kwalità tal-ħajja spiritwali tiegħek?
- Xi ssib li l-iktar jgħinek u jagħtik il-ħajja f'din il-mixja?
- X'tara li tista' tagħmel biex timxi iktar 'il quddiem?
- Għandek tfittex xi għajnuna?